MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2013

Numru. 1343/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs.**

**Glanville Goodlip**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Glanville Goodlip** ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, bin Joseph u Francesca Saveria neé Baldacchino, imwieled Pietà nhar is-26 ta' Jannar 1989 u residenti fil-fond numru 103, 'Aljapantus', Triq Dun Karm, Iklin, detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 66389M, akkuzat talli:

1. nhar l-1 ta' Dicembru 2011 ghall-habta tas-13:00hrs gewwa l-Universita' ta' Malta, l-Imsida, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Carmelo V.

Sammut (I.D. 399957(M)), f'periklu car, ikkagunalu feriti ta' natura gravi;

2. aggravat bil-fatt li fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi Carmelo V. Sammut (I.D. 399957(M)) kien fil-kariga ta' Dekan tal-Fakulta' tax-Xjenza gewwa l-Universita ta' Malta u cioé Ufficjal Pubbliku, u/jew ufficjal membru f'korpi kostitwiti;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kien parti attiva f'gemgha ta' ghaxra min nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jiksru volontarjament il-bon-ordni u l-kwiet pubbliku;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta' l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. *a fol.* 8).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 9 u *a fol.* 53).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mid-difiza.

Semghet it-trattazzjoni *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 147 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjoni ulterjuri tal-imputat (*a fol.* 169 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2012, xehed **l-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Saviour Baldacchino** (*a fol.* 17 *et*

*seq.*) li xehed dwar l-argument li sehh bejn l-imputat u l-parti leza Profs. Sammut dakinhar tal-1 ta' Dicembru 2011 gewwa l-Universita. Waqt id-depozizzjoni tieghu, l-Ufficjal Prosekutur ezebixxa numru ta' dokumenti.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li f'Dicembru 2011 kien hemm diversi celebrazzjonijiet fuq il-*campus* tal-Universita, liema celebrazzjonijiet kienu relatati ma-gradwazzjonijiet tal-istudenti.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2012, xehed ukoll **Justin Azzopardi** (*a fol.* 30 *et seq.*) li xehed li huwa jahdem fil-Fakulta tax-Xjenza u li f'hin minnhom sema' hafna hoss ta' hornijiet u tisbit mal-bieb tal-Fakulta tal-Maths & Physics Building. Jixhed li ra lill-parti leza mal-art b'daqqa fuq geddumu u fuq in-naha tal-lemin ta' wiccu. Jispjega li seta' jara lill-imputat jigi mizmum minn xi studenti ohra peress illi l-imputat deher jipprova jhebb ghall-parti leza diversi drabi. Jghid: "*[l-imputat] kien irrabjat hafna u frustrat jigifieri l-hin kollu beda jghid kliem oxxen"* (*a fol.* 33).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2012, xehed ukoll **Darren Sammut** (*a fol.* 37 *et seq.*), fuq talba tad-difiza, li xehed li kienu madwar hamsa u tletin persuna jiccelebraw u jghid li kien madwar 10-15 il-metru boghod minn fejn gara l-akkadut. Jispjega li fost daqq ta' hornijiet u storbju, l-istudenti marru jhabbtu mal-bieb tal-Maths & Physics Building, f'liema hin hareg il-parti leza irrabjat, kien hemm hsejjes ta' hornijiet u ra lill-parti leza jiehu b'mod aggressiv il-horn tal-imputat u jsabbtu mal-art. Jghid li ra lill-parti leza jaghti l-ewwel daqqa tant li ra n-nucalli tal-imputat jtir u jghid: *"u minn dak il-hin bazikament dawn gew qishom inghaqdu ma' xulxin"* (*a fol.* 41). Jghid: *"Kien hemm daqxejn ta' konfuzjoni. Minn dak il-hin bazikament jien kulma rajt kien imbuttar u forsi tixjir tal-idejn fejn f'daqqa wahda rajthom jaqghu go xulxin, spiccaw mal-art it-tnejn li huma"* (*a fol.* 41).

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jikkonfermax li l-imputat beda jdoqq il-*horn* go widnejn il-parti leza, jghid li ma jafx.

Jichad li sema' lil studenti ohra jghidu lill-imputat biex jieqaf.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2012, xehed il-parti leza **Profs. Sammut** (*a fol.* 54 *et seq.*) fejn spjega li huwa Dekan tal-Fakulta' tax-Xjenza u li dakinhar tal-1 ta' Dicembru 2011, sema' kommozzjoni kbira gejja mill-bieb principali tal-Maths & Physics Building. Jghid: *"kien hemm ghajjat, tisfir, daqq tat-trumbetti u studenti jew ex-studenti jhabbtu fuq il-bieb tal-fakulta li dak il-hin kien qieghed maghluq minhabba b'ordni ta' rettur ahna naghlqu l-bibien meta jkun hemm celebranti gejjin hemmhekk biex ma jidhlux gewwa, nevitaw il-hsara"* (*a fol.* 55). Jghid li kien hemm madwar ghoxrin-tletin student u li t-tahbit mal-bieb kien b'certu vjolenza. Jispjega li hareg mill-bieb tal-bini u qal lill-istudenti biex jitilqu u li fost il-kliem li l-istudenti bdew jghidulu, l-imputat beda l-hin kollu jdoqq il-*fog-horn* li kellu biex ma jhalliehx jitkellem. Jixhed li qal lill-imputat biex jieqaf u li l-imputat ressaq il-*fog horn* aktar lejn widnejh u kompla jdoqqu tant li wegggħu sew u f'dak il-hin hadulu minn idejh, l-imputat tajjarlu n-nuccali tax-xemx, l-imputat beda jahslu bil-flixkun li kellu u laqtghu bl-ghonq tal-flixkun u wara laqtu b'id tal-lemin (l-imputat lill-parti leza – *a fol.* 61). Jghid li, konsegwenza ta' hekk, huwa mbotta lill-imputat. Sa dan il-hin jghid li kien ghadu bil-wieqfa pero l-imputat spicca ntefa' fuqu u qalbu u beda jaghtih kemm jiflah b'idejh u saqajh (l-imputat lil parti leza). Jghid li wara li qam, ra lill-imputat jibqa' jissara ma' dawk li bdew jippruvaw izommuh. Fix-xiehda tieghu, il-parti leza xehed ukoll rigward il-griehi spofferti minnu.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2012, xehed ukoll **Profs. Robert Martin Borg** (*a fol.* 68 *et seq.*) li jghid li kien fi triqtu lejn l-ufficju tieghu li jinsab faccata fejn sehh l-akkadut u jghid li sema' kommossjoni quddiem il-Maths & Physics Building, fost liema kommossjoni kien hemm daqq ta' hornijiet. Jispjega li ra lill-parti leza johrog mill-bieb tal-bini u f'hin minnhom ra lil xi hadd ipoggi l-*fog horn* ma' widna tal-parti leza u jdoqqha u ra id il-parti leza tmur lejn il-*fog horn*. Jghid li xi hadd tefa *drink* f'wicc il-parti leza u ra lill-parti leza u lill-imputat f'xulxin (*a fol.* 71).

Jghid li l-parti leza kien qed jigi mbuttat lura b'mod koninwu sakemm waqa' mal-art bl-imputat fuqu.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012, xehed l-imputat **Glanville Goodlip** (*a fol.* 103 *et seq.)* fejn spjega li fl-1 ta' Dicembru 2011 kien ghadu kemm gradwa u li wahda mic-celebrazzjonijiet kienet li jieqfu l-Universita. Jghid li marru fejn il-Fakulta tax-Xjenza u bdew jaghmlu l-istorbju hemmhekk. Jispjega li wara xi hames minuti mar il-parti leza, li hu ma kien rah qatt qabel, u dan qalilhom biex jieqfu. Jghid li komplew ghaddejjin u wara xi zewg minuti l-parti leza qabadlu l-*fog horn* minn idu u waddabulu mal-art. Jghid: *"Jiena saqsejt ghalfejn ghamel hekk u dan fil-pront tani daqqa ta' ponn u qasamli mniehri. Kelli n-nuccali f'ghajnejja nahseb inkiser ghax tajjaruli minn wicci"* (*a fol.* 103). Jghid li kiser imniehru u li n-nuccali ma sabux. Jghid li ra li kellu xi demm ma' wiccu u x'hin ra lill-parti leza rega' sejjer jimbuttah u li: *"biex niddefendi lili nnifsi, kif ser nimbuttah gibidni mieghu u waqaft fuqu. Kif waqajt fuqu gew firduna shabi u bhal speci daqshekk. Waqfet hemm il-haga"* (*a fol.* 103).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li kienu madwar tletin/erbghin persuna jiccelebraw. Jikkonferma li kienu qed jaghmlu hafna ghajjat u storbju u li kien hemm hoss ta' hornijiet. Jghid li x'hin mar il-parti leza, huma njorawh tant li baqghu jdoqqu u baqghu jiehdu pjacir. Jixhed li l-parti leza qabdu minn sidru u anke hu (l-imputat) qabad lill-parti leza minn sidru wkoll. Mistoqsi jghid xi kliem uza fil-konfront tal-pari leza, wiegeb: *"Ma niftakarx, ma neskludihiex ghax bhal speci kien qasamli mniehri pero ma nistghax niftakar jiena x'ghidt dakinhar, ghaddew tmien xhur jigifieri"* (*a fol.* 105). Jichad li l-parti leza nehhielu l-*fog horn* ghax ipprovokah. Jichad li daqq il-*fog horn* f'widnejn il-parti leza.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012, xehed ukoll **Andrew Bajada** (*a fol.* 107 *et seq.)* fejn spjega li kien qed jiehu sehem fic-celebazzjoni tal-gradwazzjoni flimkien mal-imputat u meta waslu u waqfu quddiem il-Fakulta tax-Xjenza, nizel il-parti leza u ghalaq il-bieb u tefa' l-*horn* tal-imputat mal-art u tajjarlu n-nuccali billi tah daqqa ta' ponn fuq wiccu b'konsegwenza ta' liema hareg id-demm minn

imnieher l-imputat u l-imputat imbotta lill-parti leza lura u l-parti leza gibed lill-imputat u waqghu t-tnejn fl-art. Jghid li malli gara hekk marru jifirduhom biex ma jkomplux jiggieldu. Jixhed li l-imputat kien qed jaghmel xi ftit ta' storbju quddiem id-Dipartiment.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-parti leza darba waqqafhom. Jghid li wara li sakkar il-bieb, qalilhom biex jieqfu u huma ma waqfux. Jispjega li l-imputat kellu l-*horn* f'idejh u li kemm l-imputat u kif ukoll il-parti leza kienu aggressivi. Jghid li l-imputat ta daqqa ta' ponn lill-parti leza wara li l-parti leza tah daqqa ta' ponn.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2012, xehed ukoll **John Bonnici** (*a fol.* 126 *et seq.*) li sartilu riferenza ghal Dok. "VD 7" (*a fol.* 121 *et seq.*). Spjega li sema' hafna storbju u ferh ta' studenti jiccelebraw il-gradwazzjoni. Jghid li seta' jara lill-parti leza jiftah il-bieb u wara ra lill-parti leza jipprova jiehu l-*fog horn* minn id l-imputat u *"jew laqtu bi zball jew ma nafx hux apposta hadlu wiccu [lill=imputat]"* (*a fol.* 129). Jghid li l-imputat mbotta lill-parti leza, tefghu mal-art u beda jaghtih bil-ponn bl-addocc fuqu.

In <u>konro-ezami</u> jghid li l-parti leza qabad lill-imputat bejn wiccu u ghonqu. Jghid li l-imputat kellu xi grif fuq imniehru. Jispjega li meta l-parti leza u l-imputat waqghu mal-art, il-parti leza kien mal-art u l-imputat kien fuqu. Ma setghax jikkonferma jekk l-imputat kienx qed idoqq il-*horn* f'widnejn jew f'wicc il-parti leza ghax kien hemm hafna li kienu qed idoqqu l-hornijiet.

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2013, xehed **John Azzopardi** (*a fol.* 140 *et seq.*) fejn qal li hu kien jghix faccata tal-parti leza fis-Swieqi u xehed rigward l-attitudni tal-parti leza fil-konfront tieghu. Jghid li fuq l-incident mertu tal-kawza ma jaf xejn u li l-parti leza qatt ma pprova jhebb ghalih tant li l-istess parti leza dejjem evita l-konfront.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ghandha quddiemha l-verzjoni moghtija mill-parti leza u dik moghtija mill-imputat. M'huwiex kontestat li qabel sehh l-akkadut kien hemm atmosfera ta' briju u xalar li jista' jigi deskritt bhala wiehed mhux kontrollat tant li sfortunatament spicca sehh l-incident in kwistjoni. Jirrizulta li kien hemm storbju shih bl-uzu ta' *fog horns*.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqsekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."

(Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** (deciza fit-2 ta' Frar 2012), **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013**).**

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi

stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi din il-Qorti ghamlet l-ezercizzju li ssemmi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** imsemmija hawn fuq u serenament tasal ghal konkluzjoni illi x-xiehda moghtija mill-parti leza hija aktar kredibbli minn dik moghtija mill-imputat. Il-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni wara li rat il-komportament tal-parti leza u tal-imputat fuq il-pedana tax-xhud, u dak li xehdu huma u x-xiehda l-ohra prodotti.

Illi ma jaghmilx sens dak li jghid l-imputat cioé li wara li l-parti leza qabadlu l-*fog horn* minn idu u waddabulu mal-art u hu staqsieh ghala kien ghamel hekk li l-parti leza tah daqqa ta' ponn u qasamlu mniehru. Aktar jaghmel sens dak li jghid il-parti leza li l-imputat agixxa bil-mod li gie deskritt li agixxa wara li hu (il-parti leza) hadlu l-*fog horn* minn idejh u tefaghulu mal-art u b'mod specjali li wara li l-parti leza mbotta lill-imputat ghax kien laqtu, li l-imputat mar ghalih bir-rabja, intefa' fuqu, waqghu mal-art u beda jaghtih daqqiet minghajr waqfien.

<u>**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**</u>
<u>**(Feriti ta' Natura Gravi)**</u>:
Illi l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tal-parti leza. Dr. Branco Magazinovich (*a fol.* 88 *et seq.*) ikkonferma ic-certifikat mediku (Dok. "SB 2" - *a fol.* 25) rilaxxat minnu tal-griehi sofferti mill-parti leza fejn jghid li l-parti leza kellu ksur fi spalltu tax-xellug. Xehed ukoll Dr. Ray Gatt (*a fol.* 96) fejn ikkonferma li l-parti leza kellu griehi fi spalltu tax-xellug. Jghid li l-parti leza kien ghad kellu xi ugiegh xi hames jew sitt gimghat wara l-incident liema ugiegh kien relatat mal-istess problema li kellu meta rah l-ewwel darba. Da parte tieghu, Dr. Alex Portelli (*a fol.* 100) kkonferma c-certifikat mediku mmarkat bhala Dok. "SB 1" (*a fol.* 24) fejn ikklassifika l-griehi tal-parti leza bhala gravi. Il-Qorti tinnota wkoll li l-parti leza xehed xahrejn wara li sehh l-akkadut fejn xehed li l-problema kienet spalltu tant li sa dak iz-zmien kien qed jaghmel *physiotherapy* tlett darbiet

fil-gimgha. Meta xehed qal li kien ghadu mugugh pero setgha jara progress tajjeb hafna.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Generoso Sammut** deciza fit-2 ta' Awwissu 1999. Il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti dwar l-offiza fuq il-persuna:

"Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Liġi u sal-grad li trid il-Liġi ta' offiża fuq il-persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda oħra, inklużi l-parti offiża, jibqala' xi dubju reġonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża".

Illi, fid-decizjoni moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza".

Illi, wara li gie kkonstatat dak li ghadu kemm nghad u dak li jirrizulta mill-provi prodotti, il-Qorti m'ghandhiex dubju li jirrizulta dak li jistipula Artikolu 216(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li l-offiza kagunata fuq il-parti leza damet aktar minn tletin gurnata. B'hekk l-ewwel

(1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Aggravju tal-Ewwel (1) imputazzjoni)</u>:**
Illi din l-imputazzjoni m’hi xejn hlief cirkostanza aggravanti tal-ewwel imputazzjoni. Artikolu 222(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:
“Il-pieni msemmijin fl-artikoli 216, 217, 218 u 220, u fis-subartikoli (1) u (2) tal-aħħar artikolu qabel dan, jiżdiedu bi grad meta l-offiża ssir – [...]

(ċ) fuq il-persuna ta’ min kien uffiċjal pubbliku jew kien inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku jew li hu jew kien uffiċjal jew impjegat ta’ korp kostitwit b’liġi meta r-reat ikun sar minħabba li dik il-persuna kienet għamlet id-dmirijiet tal-kariga tagħha”.

Il-Prosekuzzjoni ressqet bhala xhud lil Jacqueline Fenech (Direttur fl-Universita’ ta’ Malta – *a fol.* 91) fejn qalet li l-parti leza huwa l-Kap tad-Dipartiment tal-Fizika u li huwa wkoll membru tal-istaff akkademiku residenti tal-Universita. Il-Qorti tinnota li zgur li ma tistax tqis lill-parti leza bhala ufficjal pubbliku. Rigward il-fatt jekk il-parti leza ghandux jitqies bhala impjegat ta’ korp kostitwit, il-parti leza taghmel riferenza ghal Artikolu 72A tal-Kapitolu 327 li jitkellem fuq il-personalita’ guridika tal-Universita. Il-Qorti tinnota li dan l-Artikolu gie mizjud b’Att Numru XXVI tal-2012, liema Att igib id-data tas-7 ta’ Dicembru 2012, u minhabba li l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat jirrigwardaw dak li gara fl-1 ta’ Dicembru 2011, m’hemmx dubbju li l-aggravju ma jirrizultax.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 68(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)</u>:**
Illi l-imputat jinsab akkuzat li ha sehem f’parti attiva f’gemgha ta’ ghaxra min-nies jew aktar bil-hsieb li jiksru volontarjament il-bon-ordni u l-kwiet pubbliku. Jirrizulta li l-gemgha li kien fiha l-imputat kien fiha aktar minn ghaxra minn nies u jirrizulta wkoll li bl-atteggjament tieghu, l-imputat qabez il-linja ta’ dik li tista’ tissejjah bhala celebrazzjoni civili fejn wiehed ikun qed jiccelebra l-jum

tal-gradwazzjoni tieghu. M’hemm xejn hazin li wiehed jiccelebra l-jum tal-gradwazzjoni tieghu pero dawn ic-celebrazzjonijiet ghandhom dejjem jirrispettaw il-bon-ordni u l-kwiet pubbliku. B’dak li gara dakinhar tal-1 ta’ Dicembru 2011 fl-Universita m’hemmx dubju li dan ma giex rispettat u ghaldaqstant ghandha tinstab htija fl-imputat ghat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ir-Raba’ (4) Imputazzjoni –**
**(Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)**:
Illi, fir-rigward ta’ din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma’ gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *‘a breach of public peace’*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita’ taghhom waqt l-incident. M’hemmx dubju li dan jirrizulta fil-kaz odjern u ghaldaqstant l-imputat ser jigi misjub hati tar-raba’ (4) imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi huma l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfont tal-imputat ghajr ghall-aggravju imsemmi fit-tieni (2) imputazzjoni li gew sodisfacentment pruvati.

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti tinnota s-segwenti:

(a) l-imputat ma jistghax jinvoka l-provokazzjoni f’dan il-kaz. Riferenza ghandha ssir ghad-decizjoni moghtija fil-15 ta’ Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. David Sant** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*“Hu ovvju wkoll li mhux kull minn jinvoka l-provokazzjoni neccessarjament tigi akkordata lilu din l-iskuzanti, ghax il-qorti trid tiehu wkoll in konsiderazzjoni r-regoli stabbiliti mill-gurisprudenza […] bhal, per ezempju l-kaz fejn l-imputat jew akkuzat ikun huwa stess fittex li “jigi provokat” biex ikun jista’ jinvoka l-provokazzjoni”.*

(b) Lanqas ma jista' l-imputat jinvoka legittima difeza u dana *stante* li fis-sentenza moghtija fl-20 ta' Jannar 1995 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Psaila** jinghad fuq dina l-iskriminanti s-segwenti:

*"Jigi rilevat li d-dritt ghal-legittima difiza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu innifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu tal-forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex dina l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, ried jevita xi perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-periklu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dina tista' taghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difiza legittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem specifikaw."*

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti hasbet fit-tul rigward il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat. Il-Qorti hija ffaccjata: fuq naha wahda, minn natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati (b'mod specjali l-ewwel (1) imputazzjoni) u minn naha l-ohra mill-fedina penali tal-imputat (li hija wahda nadifa (*a fol.* 7)), l-eta' tieghu u l-fatt li dak li gara sehh waqt mument ta' ferh u briju li qabez kull limitu. Il-Qorti taghraf li l-imputat m'huwiex xi delinkwent u taghraf ukoll li l-imputat mhux ser jibda t-triq l-hazina u dana tghidu ghas-semplici raguni li dak li gara fl-1 ta' Dicembru 2011 fl-Universita sehh sforz il-ferh u l-briju zejjed tal-gurnata tal-gradwazzjoni li sfortunatament wassal ghal dak li wassal. Il-Qorti ma

taqbilx mad-difiza meta fit-trattazzjoni taghha tiddeskrivi l-feriti sofferti mill-parti leza bhala *de minimis*. Il-Qorti setghet kienet propensa li tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta kieku, ghall-grazzja tal-argument, kienet giet registrata ammissjoni da parte tal-imputat u kieku l-imputat skuza ruhu u kien lest li jaghmel tajjeb, b'xi mod jew iehor, ghal dak kagunat minnu fil-konfront tal-parti leza, pero l-Qorti thoss li ladarba l-proceduri ta' dan il-kaz wasslu sa hawn m'huwiex accettabbli li jigi applikat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghax altrimenti tkun qed timminimizza wisq dak li gara. Fl-istess waqt, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat *stante* li mhux il-kaz li piena bhala din ghandha tinghata. Minflok, il-Qorti hija tal-fehma li piena ta' prigunerija sospiza, li ser tkun aktar lejn il-minimu milli lejn il-massimu, tkun aktar opportuna fic-cirkostanzi bil-ghan li l-imputat jifhem li dak li gara fl-1 ta' Dicembru 2011 kien hazin hafna.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Artikoli 68(2), 214, 216(1)(d) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sena.

Il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' Profs. Carmelo V. Sammut.

Fl-ahhar nett, tenut kont ta' dak li nghad f'din is-sentenza, il-Qorti tirrakomanda lil min ihaddem lill-imputat fil-prezent u lil min jista' jhaddmu fil-futur sabiex l-impieg tal-istess imputat ma jigix pregudikat bl-ebda mod b'din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------